**20 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Lawrence Attard

## Assistenza Legali

*F'kawżi summarji ma hemm ebda obbligu li l-Qorti twissi jew tavża lill-imputat li hu jista', jekk irid, ikun assistit minn avukat jew minn prokuratur legali, bħalma hu l-każ meta si tratta ta' kumpilazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Lawrence Attard talli fit-23 ta' Diċembru, 1993 għall-ħabta ta' 23.45 hrs, fi Triq San Luqa, Gwardamanġa, saq vettura numru J-8507 b'ġiri aktar milli jmissu (2) b'manjiera perikoluża (3) kiser il-paċi pubbliku u l-buon ordni bl-għajat (4) u aktar naqas li jobdi l-ordni leġittima mogħtija lilu mill-pulizija; il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti Inferjuri sabiex l-imsemmi Attard jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perijodu ta' mhux anqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta' Awissu, 1994 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Attard ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-multa ta' sebgħin lira (Lm70) u skwalifikatu mil-liċenzji kollha tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax-il xahar;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Lawrence Attard, minnu ppreżentat fil-5 ta' Awissu, 1994 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u l-konsegwenti liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli hu jirritjeni li quddiem l-ewwel Qorti kellu l-ħsieb jirrikuża lill-Maġistrat li kien qed jippresjedi dik il-Qorti u dana peress li żmien ilu hu, jiġifieri l-appellant, kellu inċident li fih kien involut dak il-Maġistrat u minħabba dak l-inċident hu kien mar il-ħabs. L-appellant jgħid li hu ma rrikużax lill-imsemmi Maġistrat għax "meta ġie biex jitressaq il-Qorti, għalkemm hu konsistentement ikun ippatroċinat mill-

avukat sottoskritt, fil-fatt ġie mressaq waħdu, mingħajr assistenza legali". Din il-Qorti pero`, tosserva illi, apparti l-kwistjoni ta' assistenza legali o meno, anke li kieku l-appellant, allura imputat, ta l-eċċezzjoni tar-rikuża fl-istadju opportun, ir-raġuni minnu miġjuba għal tali rikuża m'hijiex waħda minn dawk li minħabba fihom Maġistrat jista' jiġi rrikużat jew għandu jastjeni skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 368 tal-Kodiċi Kriminali u 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għalhekk l-obbligu tal-Maġistrat kien ikun li ma jilqax tali eċċezzjoni u li ma jastjenix;

*It-tieni aggravju ta' l-appellant hu li quddiem l-ewwel Qorti,* meta l-akkuża kienet waħda ta' delitt, hu ma kienx assistit minn avukat. L-appellant jinvoka wkoll l-artikolu 519 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti tosserva li l-fatt li f'dan il-każ l-akkuża (proprjament waħda mill-imputazzjonijiet, dik ta' sewqan perikoluż) kienet ta' delitt u mhux ta' kontravvenzjoni hu rrilevanti. Il-kawża kienet waħda sommarja u f'kawżi sommarji m'hemm ebda obbligu li l-Qorti twissi, jew tavża lill-imputat li hu jista', jekk irid, ikun assistit minn avukat jew minn prokuratur legali bħalma hu l-każ meta si tratta ta' kumpilazzjoni (artikolu 392(2) tal-Kodiċi Kriminali). Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-imputat qatt informa lill-ewwel Qorti li hu xtaq li jkun assistit minn avukat jew talabha li din tipprovdilu għajnuna legali. Imputat jew akkużat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu mingħajr l-għajnuna ta' avukat jew prokuratur legali. Fuq din il-kwistjoni ta' assistenza legali quddiem il-Qrati Inferjuri din il-Qorti diġa` kellha okkażjoni li tippronunzja ruħha b'mod li jidhrilha li kien eżawrijenti fis-sentenzi tagħha fil-kawżi fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Joseph Falzon**, 10/6/94, **Il-Pulizija *vs* Kristinu Giordimaina**, 30/9/94 u **Il-Pulizija *vs* George Mangion**, 15/12/94. Għalhekk dana t-tieni aggravju hu wieħed għal kollox infondat;

Kwantu għall-atti meritu ta' l-imputazzjonijiet dawn jirriżultaw abbundantement ippruvati mid-deposizzjonijiet tas-Surġent 364 Joseph Mangani u ta' P.C. 991 Raymond Fabri. Ix-xhieda ta' Anthony Cutajar fil-fehma tal-Qorti m'hiex attendibbli għax dana qiegħed evidentement jipprova jimminimizza l-inċident li huwa kellu, fil-ħanut tax-xorb li huwa jiġġestixxi, ma' l-appellant;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-iskwalifika mil-liċenzji tas-sewqan tibda sseħħ minn nofs-il lejl u minuta ta' għada.